MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 681/2004/1

**Maria Edwina Spiteri**

**vs**

**Yvonne Mckinnon**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Jannar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza parzjali fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Dicembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta’ elf disa’ mija u tmenin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM1,980.38,0), rapprezentanti:

a. Kwantu ghas-somma ta’ mitejn u erbghin Lira Maltin, (LM240.00,0), bhala bilanc rimanenti mis-somma lilha mislufa skond il-ftehim ta’ 15 ta’ Lulju ta’ l-1993:

b. Kwantu ghas-somma ta’ seba’ u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM57.60,0), imghax fuq il-bilanc rimanenti mis-somma lilha mislufa skond il-ftehim tal-15 ta’ Lulju ta’ l-1993:

c. Kwantu ghas-somma ta’ elf hames mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu, (LM1,552.78,0), arretrati ta’ imghaxijiet;

d. Kwantu ghas-somma ta’ sebghin Lira Maltin, (LM70.00,0), bhala spejjez ta’ telefonati;

e. Kwantu ghas-somma ta’ sittin Lira Maltin, (LM60.00,0), bhala drittijiet professjonali ta’ Dr. Peter Borg Costanzi;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali, ilkoll kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-13 t’April tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari, il-kawza fl-ismiejiet fuq premessi hija intempestiva;

2. Illi in oltre l-kawza odjerna hija kawza illecita;

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi s-somma dovuta lill-attrici giet imhallsa kollha u di konsegwenza ma hemm l-ebda somma dovuta, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Salvi ecezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tal-konvenuta datata s-17 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha l-istess konvenuta rrinunzjat ghat-tieni eccezzjoni taghha, (ara fol 13);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza odjerna tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi permezz tal-kuntratt in atti tan-nutar Dottor Francis Micallef datata l-24 ta' Lulju tal-1981 il-konvenuta kienet kriet il-fond maghruf bhala "The Rose and Thistle", gia' maghruf bhala "La Guillotine", f'Paceville Avenue, Paceville, limiti ta' San Giljan, skond il-kundizzjonijiet hemm pattwiti, (ara fol 18 et sequitur);

2. Illi gie wkoll prezenat rendikont ta' xi ammonti dovuti mill-konvenuta li dawn bl-ebda mod ma gew serjament konfutati;

3. Illi l-ammonti rimanenti rikjamati mill-attrici gew debitament spjegati legittimament;

4. Illi ghalkemm debitament interpellata diversi drabi l-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk l-attrici kienet kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta pprezentat strategiji diversi ghad-difiza taghha liema strategiji huma pjuttost logikament kontradittorji ghal xulxin;

Illi in effetti fl-ewwel eccezzjoni taghha tissoleva li l-procedura odjerna hi wahda intempestiva, li senjatament tfisser li ghalkemm il-procedura hi wahda legittima u ghandha tissussisti, pero' minhabba l-fatt li giet ipprezentata kmieni wisq, ma treggix;

Illi pero' fl-istess nota l-konvenuta ssostni l-oppost ghal dina meta eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi dan johloq stat konfuzjonarju li jgib fix-xejn kwalunkwe difiza fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi qed tiddikjara li hadet konjizzjoni tal-fatt li t-tieni eccezzjoni giet irtirata, (ara fol 13);

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tar-raba' eccezzjoni ghandu jinghad li ghalkemm gie allegat li l-ammont dovut lill-attrici gie mhallas kollu mill-konvenuta, dan bl-ebda mod ma gie assodat b'ricevuti u dokumenti ohra appoziti li setghu jissufragaw tali affermazzjoni;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati tiddikjara li hi sodisfatta bil-provi prezentati mill-attrici in sosten tat-talbiet

taghha u allura takkolji t-talbiet kollha taghha biex konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenuta Yvonne McKinnon hi debitrici ta' l-attrici fl-ammont ta' elf disa' mija u tmenin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM1,980.38,0), kif elenkat fl-avviz promotur;

2. tikkundanna lill-imsemmija konvenuta biex thallas lill-attrici Maria Edwina Spiteri l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**"**

L-oggezzjonijiet tal-konvenuta kif sottmessi bl-appell taghha huma s-segwenti:-

(1) Kwantu ghal bilanc tas-somma kapitali dan kellu jkun fl-ammont ta' mija u hamsin lira (Lm150) u mhux mitejn u erbghin lira (Lm240), kif mitlub mill-attrici;

(2) Il-ftehim kien jeskludi l-imghaxijiet u, f' kull kaz, la d-debitu kien ta' natura civili u ma saret ebda interpellazzjoni gudizzjarja skond l-Artikolu 1141 (2) Kodici Civili, l-ebda imghaxijiet ma huma dovuti;

(3) L-attrici ma pprezentat ebda ricevuti jew *itemized bills* biex issostni s-somma ta' sebghin lira (Lm70) minnha mitluba ghal telefonati;

(4) Ugwalment, dan jghodd ukoll fil-kaz tas-somma ta' sittin lira (Lm60) pretizi bhala import ta' sehmha tad-drittijiet professjonali mhallsa u spejjez ta' taxis. Dan anke ghaliex l-iskrittura ta' ftehim saret a beneficcju ta' l-attrici u mhux ukoll taghha;

Qabel xejn hemm bzonn li jigu esposti l-fatti li taw lok ghal kawza quddiem il-Qorti inferjuri:-

(1) B' kuntratt ta' l-24 ta' Lulju 1981 (fol. 18) l-attrici assenjat lill-konvenut il-kumplament taz-zmien

lokatizju tar-restaurant sitwat f' Paceville Avenue, Paceville. Dan versu l-korrispettiv ta' tmient elef lira (Lm8000) li kellhom jithallsu skond il-modalita` fl-istess kuntratt stabbilit;

(2) Bi skrittura tal-15 ta' Lulju 1993 (fol. 26) l-istess kontendenti, dejjem in referenza ghall-precitat kuntratt ta' l-24 ta' Lulju 1981, ikkonvenew illi l-bilanc tas-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira (Lm4400) li kien ghadu hekk dovut kellu jigi sodisfatt b' pagamenti mensili regolari totalizzanti, fuq bazi ta' sena, l-ammont ta' seba' mitt lira (Lm700) u minghajr imghaxijiet;

(3) B' danakollu, ghal dak li jikkoncerna l-vertenza *de quo*, gie appattwit ukoll illi fil-kaz li l-konvenuta tonqos milli thallas tali ammont, "*then the balance will be subject to interest at 8% per annum on such difference*";

(4) L-attrici tghid li l-konvenuta baqghet lura fil-hlasijiet skond kif akkordat u allura inkarigat lill-*accountant* taghha, Michael Warrington, biex jipprepara komputazzjoni ta' dak dovut lilha, kompriz l-imghaxijiet. Dan ix-xhud jikkonferma illi fil-preparazzjoni ta' din il-komputazzjoni huwa ezamina ricevuti u dokumenti li ghaddietlu l-attrici. Ara xhieda tieghu a fol. 33 u fol. 52;

(5) Il-konvenuta minn naha taghha tiddikjara li hi ghad baqalha thallas mija u hamsin lira (Lm150) bhala bilanc kapitali u zzid tghid li ma kienx hemm ftehim dwar l-ispejjez ta' l-ahhar skrittura u qatt ma rceviet ittra ufficjali ghall-imghaxijiet. Ara deposizzjoni taghha fol. 67;

Premessi dawn il-fatti, kwantu ghall-ewwel motiv ta' agravju l-istess attrici appellata tikkoncedi li ghandha titnaqqas is-somma ta' erbghin lira (Lm40) ghar-raguni illi l-ammont bilancjali ffissat bl-iskrittura ta' ftehim kien dak ta' Lm4400 u mhux Lm4440 kif muri fl-i*statement* ippreparat mill-*accountant* u esebit a fol. 23 tal-process. Jidher pero` illi dan l-istess *statement* ma kienx jikkomprendi l-hlas ulterjuri ta' hamsin lira (Lm50) maghmul mill-konvenuta f' Ottubru 2004. Dan kif

ikkonfermat ukoll mix-xhud Andrew Bartolo prodott mill-istess attrici. Ara Affidavit taghha a fol. 45. Isegwi ghalhekk illi fir-realta s-somma kapitali attwalment dovut hi dik suggerita mill-appellanti, jigifieri, mija u hamsin lira (Lm150);

Is-soluzzjoni tat-tieni motiv tiddependi mill-pattijiet li saru bejn il-partijiet fl-iskrittura ta' ftehim tal-15 ta' Lulju 1993 u l-valutazzjoni li trid tigi akkordata lix-xhieda, inkluza dik tal-kontendenti nfushom;

Ma hemmx dubbju illi l-imghaxijiet ikkalkolati huma dawk moratorji li jipresupponu dik il-qaghda fejn debitur ma jkunx adempixxa l-patt kontrattwali tal-hlas tas-somma annwali miftehma u jkun tardiv fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni tal-hlas. L-iskrittura in kwestjoni tahseb proprju ghal din is-sitwazzjoni u tevinci kjarament id-dekorriment ta' l-interessi ghal fatt li l-konvenuta tkun naqset milli tonora l-obbligazzjoni tal-pagamenti skond kif appattwit. Jigi allura li l-assunt ta' l-appellanti illi l-ftehim kien jeskludi l-imghax fuq l-ammont kapitali huwa ghal kollox skorrett;

Issa, fil-verita, l-appellanti nnifisha ma tikkontestax illi hi naqset milli tottempera ruhha mal-pattijiet tal-ftehim u ma' dak espressament appattwit bhala imghax u l-iskattar tieghu. B' danakollu, iggib 'il quddiem b' difiza agguntiva illi, trattasi ta' debitu civili, ghad-dekorriment ta' l-imghax kien hemm bzonn intima gudizzjarja fit-termini ta' l-Artikolu 1141 (2) tal-Kodici Civili. Ma' dan l-appellata ma taqbelx u ssostni li ghal fattispeci kien japplika d-dispost tas-subinciz (1) ta' l-istess Artikolu 1141 kombinat ma' l-Artikolu 5 (g) tal-Kodici Kummercjali. Skond dan l-ahhar artikolu l-imghaxijiet jibdew jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita. Dan unikament fil-kaz li l-obbligazzjoni tkun kummercjali u fil-kaz li l-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jghaddu *ipso jure*;

Dan premess, kif taraha din il-Qorti, l-obbligazzjoni tal-hlas ma ghandhiex tigi distakkata minn dik tar-rabta kontrattwali originarja ta' l-assenjazzjoni tal-kirja tal-fond kummercjali li maghha hi intrinsikament marbuta. L-appellanti, allura, ma tistax tippretendi li d-debitu kien wiehed purament civili ghal liema kien rikjest interpellazzjoni gudizzjarju. Ghal kuntrarju, la d-debitu ma jistax hlief jitqies bhala wiehed kummercjali dak l-imghax beda jghaddi mid-data meta, ghall-inadempjenza ta' l-appellanti, kien hekk dovut u esigibbli. Isegwi li l-aggravju sottomess fuq dan il-punt u ghal din ir-raguni qed jigi wkoll skartat;

Fil-kaz tat-tielet u tar-raba' motivi ta' aggravju jibda biex jigi osservat illi l-mankanza ta' esibizzjoni tad-dokumenti mhux bilfors u dejjem titraduci ruhha fin-nuqqas ta' prova ta' l-allegazzjoni asserita. Dan ghaliex it-testimonjanza tal-partijiet u dik tax-xhieda tikkostitwixxi mezz ta' prova u tidhol fost il-provi kostitwenti skond ir-rit procedurali in kwantu, meta hekk jitqies li hu l-kaz, dik it-testimonjanza u dik ix-xhieda hi garanzija ta' attendibilita u ta' objettivita tad-dikjarazzjonijiet li jsiru, dment, s' intendi, ma jkunux sodisfacentement attakkati jew kontraddetti. Naturalment ukoll, mhux bilfors jassumu valur ta' prova pjena ghax kollox jiddependi mill-konvinciment tal-gudikant;

Fil-kaz in ezami jidher li l-ewwel qorti accettat il-versjoni ta' l-attrici appellata u skartat dik ta' l-appellanti fejn din affermat illi ma kien jezisti ebda akkordju dwar l-ispartizzjoni ta' l-ispejjez professjonali li thallsu ghar-redazzjoni mill-Avukat Peter Borg Costanzi ta' l-iskrittura tal-15 ta' Lulju 1993. Fil-kuntest, l-appellanti tissottometti illi l-iskrittura saret biex l-appellata kreditrici tissalvagwardja l-posizzjoni taghha u allura, bhal speci, hi ma kellhiex tinkorri biex taghmel tajjeb b' sehmha mill-ispiza involuta. Dan apparti, dejjem skond l-appellanti, illi ma giet esebita ebda ricevuta;

Jigi osservat in linea ta' principju illi anke fejn mhux rikjesta l-forma skritta taht piena ta' nullita tal-kuntratt, hu sew maghruf illi normalment il-kontraenti jipprovvedu ghar-redazzjoni bil-miktub tad-dokument kontrattwali, specjalment fejn hemm *in ballo* interessi partikulari ta' entita ekonomika. F' dan ma hemm xejn barra mill-ordinarju. *Multo magis*, imbaghad, meta dik il-kitba ma kienetx hlief il-konsegwenza ta' ftehim iehor anterjuri li sar ukoll bil-miktub, anke ghaliex, trattasi ta' assenjazzjoni hekk kien jesigi l-Artikolu 1470 (1) tal-Kodici Civili. Barra minn dan il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi t-tieni skrittura tal-15 ta' Lulju 1993 kienet hekk eskogitata minhabba li l-appellanti kienet *ante tempus* naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet taghha bl-ewwel skrittura;

Fiz-zewg motivi, imbaghad, kif gja affermat aktar 'il fuq, mhux bilfors li x-xhieda tal-parti, jekk titwemmen, ghandha dejjem tkun suffragata minn rizultanzi probatorji ohra bhal produzzjoni ta' dokumenti u ricevuti, anke jekk dan hu desiderabbli li jkun hekk. Bhall-ewwel Qorti qabilha din il-Qorti ma ssibx, fil-kumpless, illi ma ghandhiex taghti affidabilita lid-dikjarazzjonijiet ta' l-appellata illi hi effettivament zborzat spejjez ta' drittijiet professjonali u nkorriet fi spiza ta' bosta telefonati u ta' taxis biex taccerta minghand l-appellanti l-hlas tal-pagamenti, wara kollox dovuti lilha, u biex tassikura li din ma tkomplix tiddilazzjona l-hlas ta' dawk l-istess pagamenti. Anke allura dawn iz-zewg motivi ghal konsiderazzjonijiet premessi qed jitqiesu insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed takkolji l-ewwel motiv ta' appell u b' hekk tirreduci s-somma kanonizzata ghal elf tmien mija u disghin lira Maltija, tmienja u tletin centezmu (Lm1890.38), bl-imghaxijiet kif mitluba. Tirrespingi t-tliet motivi l-ohra ta' aggravju sottomessi mill-appellanti u, hlief ghal varjazzjoni maghmula, tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------